MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 608/2007

**Central Trading Co Ltd (C 29938)**

**vs**

**Carmelo Farrugia u Melfar Limited (C 2687)**
**u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2007 l-isem**
**tal-konvenut gie sostitwit b'Carmelo Farrugia Melfar**
**Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra** t-**talba** tas-socjeta' Rikorrenti formulata hekk:

Peress illi l-konvenuti xtraw minghand is-socjeta' attrici merkanzija konsistenti f'air conditioners, liema air conditioners gew debitament konsenjati lill-konvenuti.

Peress illi l-imsemmija air conditioners gew istallati skond is-sengha u l-arti kif gie verifikat mill-haddiema tas-socjeta' attrici.

Peress li l-konvenuti qatt ma hallsu l-ammont shih dovut fuq l-air conditioners b'mod li fadal bilanc ta' LM1,125

Peress illi kif jidher fid-dokument esebit [annessa dok A] "Nota tal-Konvenuti" – l-konvenuti mhux qed jikkontestaw l-ammont pretiz izda qed jallegaw li x-xogholijiet ta' istallazzjoni ta' l-air conditioners ezegwiti ma sarux skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk il-konvenuti setghu jintavolaw jew *actio redhibitoria* jew *actio aestimatoria* liema azzjoni ma gietx intavolata u issa hija preskritta.

Illi xorta wahda, kif sejjer jirrizulta mill-provi dawn l-air conditioners dejjem hadmu sewwa u gew installati skon is-sengha u arti

Peress illi l-initimati gew interpellati diversi drabi biex ihallsu izda baqghu inadempjenti

Jghidu l-intimati ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-ammont ta' LM1,125 huma dovuti lil attur
2. Jikkundanna l-intimati ihallsu s-somma msemmija

Bl-ispejjes u bl-imghax, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja, u l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li min issa huwa ngunt ghas-subizzjoni

**Ra** r-**Risposta** formulata hekk:

Dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici stante illi l-ammon pretiz mhuwiex dovut minhabba illi xi apparat kien difettuz u ma hadimx sew kif ukol x-xoghol ta' istallazzjoni ezegwit ma sarx skond is-sengha u l-ari tant illi rrizultaw difetti fl-istallazzjoni liema difetti qeghdin jikkawzaw danni fil-fond fejn gew istallati u dana minghajr pregudizzju u b'riserva ghall-kwalunkwe talba jew dritt illi jista jkollha s-socjeta esponenti fir-rigward tad-danni illi qeghdin jigu kagunati fil-fond fejn dawn l-istess stallazzjonijiet kienu saru.

**PROVI**

**It-Tribunal**

**Ra** l-provi mressqa mis-socjeta' Rikorrenti konsistenti fix-xhieda ta' Rudolph Azzopardi u Mark Spiteri

A 1. **Rudolph Azzopardi** qal (*a fol* 22 *et seq*) li s-socjeta' Intimata kienet tixtri regolarment *air conditioners* minghandhom u l-bejjiegh jinstallhom fejn tindikalu s-socjeta' Intimata. Darba qeghdu dawn fir-Razzett tal-Hbiberija. Darba, meta kien baqghalhom biss jistartjaw l-*air conditioners* qalulhom li jew ilestu sa nofs-in-nhar jew iqabbdu lil haddiehor. Dawn tlestew, telqu u wara xi hmistax baghtulhom il-kont, xi LM9000. Qalulhom li kollox sew izda xtaqu jiccekkjaw it-tul tal-*copper*. Wara dan is-socjeta' Intimata bdiet thallas pagamenti ta' LM500.

2. Meta kien jonqos jithallas il-bilanc mitlub qalulhom li kienu ser izommu l-bilanc ghax l-*air conditioners* qatt ma hadmu. Kien sar meeting ma Nathan Farrugia, CEO tar-Razzet u iben Joseph Farrugia tas-socjeta' Intimata u l-*air conditioners* hadmu. Meta marru wara sabu l-*filters* mahmugin, li juri li dawn kienu thaddmu.

3. Wara, qalulhom li ma kienux f'pozizzjoni li jhallsu. Meta avvicinaw lil Nathan Farrugia, dan qalilhom li r-Razzett lis-socjeta' Intimata kien hallasha. Regghu ilmentaw li l-*air conditioners* ma kienux jahdmu u x-xhud baghat in-nies tieghu u kulma nstabu *filters* mahmugin.

4. L-istallazzjoni saret f'Settembru 2004 u lejn l-ahhar tas-sena 2007 qalulhom li kellhom *air conditioners* bil-hsara pero ma talbuhomx jirrangawhom.

5. In kontro-ezami qal li hu ma kienx jaf li kien hemm xi *official launch* li gie pospost, pero jekk sar hekk dan ma kienx tort tas-socjeta' Rikorrenti. Jaf li lilhom is-*supply* tal-elettriku ma tlestitilhomx fil-hin. Ix-xoghol minnhom sar skond is-sengha u huma kellhom l-esperjenza ta' xoghol f'diversi postijiet.

6. Hu esibixxa d-Dok RA1, a fol 83,84 u 85 li jindika 3 pagamenti u fit-tielet wiehed hemm “**to settle balance as soon as possible**”. Dawn datati 09.06.06, 17.02.06 u 10.11.05.

B 1. **Mark Spiteri** qal (*a fol* 20 *et seq*) li hu tqabbad mis-socjeta’ Rikorrenti biex, bhala *subcontractor* jistalla l-*air conditioners* imsemmija fir-Razzett u dan ghamlu. Xi zmien wara x-xhud precedenti qallu li kien hemm xi problema u talbu jmur jara. Sab xi zewg *air conditioners* iqattru l-ilma. Kellhom *filters* mahmuga, naddfuhom u kollox irranga ruhu. Xi zmien wara raga ssejjah u sab l-istess haga minkejja li tar-Razzett qalulom li ma kienx qed juzawhom . Il-filters jithammgu biss bl-uzu.

2. F’Mejju mar u nxteghlu kollha flimkien, kollox kien kif suppost u gie firmat id-Dok RA 1 (*a fol* 18) ghan-nom tar-Razzett.

3. In kontro-ezami qal li hu dam xi xahar jahdem fir-Razzett, f’Dicembru 2005. Kellhom iwahhlu u jistallaw 8 *cassettes* – jigifieri *air conditioners* li jehlu gos-soffitti. Haga li ghamel drabi ohra.

4. Fil-post kien imur Joseph Farrugia tas-socjeta’ Intimata. Il-karta (Repair Note) li ffirmawlu r-Razzett kienet suggetta ghall-fatt li l-*air conditioners* kollha jkunu jahdmu tajjeb. B’kollox marru jaraw l- *air conditioners*, fuq talba tas-socjeta’ Intimata xi 3 / 4 darbiet.

C 1. **Joseph Farrugia**, Managing Director tas-socjeta’ Intimata pprezenta affidavit (Dok JF1 *a fol* 31 *et seq*). Qal li hu jinvolvi ruhu fix-xoghol li jatu. Id-dokumenti relativi ghax-xoghol ircevewhom minghand ARTech (Dok MC 1 u 2 *a fol* 35 / 36) u s-socjeta’ tieghu laqghet l-offerta bid-Dok MC 3 (*a fol* 37)

2. L-istallazjoni saret, pero ma gietx testjata. L-estenzjoni tar-Razzett kellha pjanat ftuh ufficjali ghall-25.05.2005 izda **ghal diversi ragunijiet** (enfasi tat-Tribunal) gie pospost ghall-20.07.05. Lejliet, kien mar

Mark Spiteri u nstab li min 3 units beda jfur l-ilma u 2 ma bdewx ikesshu. Irrizulta li l-istallazzjoni tal-pajpijiet tad-*drains* ma kienetx skond il-*manuals*. Hawn ix-xhud ta' aktar dettalji fir-rigward. Wiehed mill-units li ma kienx ikesshu kellu problema fil-*motherboard* u l-iehor fil-kompressur. Il-gass uzat kien inferjuri.

3. Rigward id-dokument a fol 18 huma ma kienux avzati minn qabel li kienu ser jigu ta' ARTech. Saviour Cachia kien biss impjegat, bla awtorizazzjoni li jiffirma d-dokument. Skond Dok MC 5 ir-Razzett kellu jkun avzat biex ikunu prezenti l-*maintenance manager* u l-*general manager.*

4. In kontro-ezami x-xhud qal li tax-xoghol fir-Razzett, huma thallsu u Rudolph Azzopardi ma kellux imur ir-Razzett jitlob il-hlas ghax lilu nkarigatu s-socjeta Intimata. Ir-Razzett kienu nfurmawh bil-problemi u l-ARTech heddet li tnehhi l-*air conditioers*. Ir-Razzett qatt ma hedded lix-xhud legalment.

5. Cahad li l-*filters* kienu jkunu mahmugin u dana ghax l-*air conditioners* ma bdewx jahdmu. Zammew l-ahhar pagament bhala *retention* sat-tkomplija bla problemi. Jaf li gew xi *technicians* terzi u ghamlu xi xoghlijiet fuq l-*air conditioners*.

D 1. **<u>Emanuel Borg</u>**, *Lift Technician, Electrician* u *plumber* mas-socjeta' Intimata qal f'affidavit (*a fol* 52) li meta x-xoghol in kwistjoni kien qed isir kien ikun hemm kuljum u qatt ma ra xi *supervisor* ta' ARTech jaghmel supervizjoni. L-*air conditioners* gew pruvati lejliet il-ftuh tal-estensjoni tar-Razzett f'Lulju 2005. Fil-Ftugh, hadmu 5 minn 8 *air conditioners* biss. L-ghada sabu t-tqattir tal-ilma, f'kaz minnhom sostanzjalment.

2. Sa meta sar l-affidavit (25.03.09) kien ghad hemm id-difetti.

E 1. **<u>Nathan Farrugia</u>**, CEO fir-Razzett qal fl-affidavit (Dok NF *a fol* 55) li x-xoghol dam ftit aktar milli previst u sakemm twahhlu s-servizzi tad-dawl u ilma kellu

jitressaq il-Ftuh tal-progett Multi Sensory. Sar jaf ftit qabel bid-difett fil-Multi Purpose Hall u stante s-shana ta' Lulju dan kien sar jaffettwa lil dawk prezenti ghall-Ftuh.

2. Wara l-Ftuh sejjah lill-*project manager*, il-*maintenance team* u s-socjeta' Intimata biex jiccaraw il-pozizzjoni. Mhux talli ma trangawx l-*air conditioners* imma r-Razzett kellu jirranga l-hsara li saret fis-soffitt u l-*parquet*. Hu kellu jqabbad nies a spejjes tar-Razzett (affidavit datat 04.05.09) biex l-*air conditioners* jahdmu.

3. In kontro ezami qal li safejn jaf hu meta l-*air conditioners* kienu jinxteghlu kienu jahdmu izda wara certu zmien jibda niezel l-ilma. Hekk ghadhom. Huma ma fittxux lis-socjeta' Intimata. Huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-ARTech.

F 1. **<u>Kevin Bartolo</u>** fl-affidavit *a fol* 57 (Dok KB) qal lifiz-zmien rilevanti kien jahdem fir-Razzett; ikkonferma li x-xoghol tad-dawl u ilma ha tul aktar milli mistenni u alura tressqet id-data tal-Ftuh.

2. Meta twahhlu tal-*gypsum boards* lejliet il-Ftuh inxteghlu l-*air conditioners* u beda hiereg l-ilma minn uhud u ohrajn ma bdewx ikesshu. Dawn intfew u kellhom jingiebu l-bramel. Wara rega fegg id-difett. Ir-Razzett kien jilmenta ma Joe Farrugia

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>IT-TRIBUNAL</u>**

1. **Ra** li dan kien kas fejn is-socjeta' Rikorrenti ftehmet mas-Socjeta' Intimata li tissuplixxi u tqieghed mas-saqaf ta' parti mir-Razzett tal-Hbiberija tmien *air conditioners*. Ghal dan ix-xoghol is-socjeta' Rikorrenti qabbdet lil ARTech. Naturalment hawn ghandna r-**rabta** bejn iz-zewg socjetajiet li qeghdin f'din il-kawza u hadd izjed ma ntervjena.

2. L-*air conditioners* kienu f'posthom ghac-cerimonja tal-Ftuh li saret fl-20 ta' Lulju 2005 u t-tressieq tad-data

tal-Ftuh b'xahrejn ma jistax jigi mputat (zgur mhux unikament) lis-socjeta' Rikorrenti. Jirrizulta li wara bdew jidhru difetti (e.g. tqattir tal-ilma) u s-socjeta' attrici kienet tirrimedja.

3. Sadattant is-socjeta' Intimata, li thallset ta' kollox minghand ir-Razzett, hallset biss akkonti u zammet bilanc (dak mitlub fit-TALBA tar-Rikorrenti).

4. Irrizulta li:
a) Ir-Razzett qal lil xihadd biex jirrangalu, hallsu hu u minghand is-socjeta' Intimata ma gie mitlub xejn, almenu b'mod legali.
b) Ir-Razzett ghandu f'posthom l-*air conditioners* u dawn qed jiffunzjonaw u, naturalment, aktar ma jghaddi z-zmien aktar ikun hemm "wear and tear" u htiega ta' manutenzjoni ordnarja minn naha tar-Razzett.
c) Sadattant is-Socjeta' Intimata hi bil-flus kollha f'idejha imhallsa lilha mir-Razzett u ma avvanzat legalment ebda "claim" (e.g. xi kontrotalba, riduzzjoni fil-prezz, thassir tal-kuntratt).
5. Da parti tas-socjeta' Intimata anqas giet, imqar tentativament, kwantifikata xi sura ta' claim kontra s-socjeta' attrici.

6. Fic-cirkostanzi u meta jitqies kollox it-Tribunal isib li t-TALBA hi gustifikata.

7. Il-*quantum* ta' bilanc mitlub mis-socjeta' Rikorrenti ma giex kuntestat.

**DECIZJONI**

**It-Tribunal** jiddeciedi billi jiddikjara li s-socjeta' Intimata ghandha thallas lis-Socjeta' Rikorrenti dak mitlub fl-Avviz u tikkundanna lis-socjeta' Intimata biex thallas lis-socjeta' Rikorrenti l-*quantum* ta' elfejn, sitt mija u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,620.55c)

Bl-imghax mill-24 ta' Awwissu 2007 sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes kollha kif mitluba kontra s-socjeta' Intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------